**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta, *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht),* ***Chartered Marketer*** | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Talba għall-Korrezzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab korrezzjoni tal-Minuti 339, fejn il-paragrafu 'A' issir korrezzjoni għal:

"*Il-Kunsillier Cedric Valletta saħaq fuq l-importanza li l-Kunsill jagħmel dak kollu fis-setgħa tiegħu sabiex jinżammu d-deadlines tax-xogħlijiet. Is-Sur Valletta ssuġġerixxa li x-xogħol jiġi estiż ftit 'l fuq mill-pjanti proposti'*

***Tinbidel u ssir korrezzjoni***

"*Il-Kunsillier Cedric Valletta saħaq fuq l-importanza li l-Kunsill jagħmel dak kollu fis-setgħa tiegħu sabiex jinżammu d-deadlines tax-xogħlijiet.* ***Is-Sindku ssuġġerixxa li x-xogħol jiġi estiż ftit 'l fuq mill-pjanti proposti'***

Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

Barra minhekk il-Kunsillier Cedric Valletta talab li paragrafu 'f' jiġi korrett kif ġej; ***'Il-Kunsillier Cedric Valletta*** *ġibed l-attenzjoni tal-membri li l-website tal-Kunsill ilha ma tiġi updated mis-sena 2011*."

Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

## 4. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

*a) Spejjeż relatati mal-Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira*

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa jekk il-€ 200 spejjeż in konnessjoni mal-Pagaent organizzata mill-Għaqda Prospero Augesco ġewx imħallsa mill-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li dawn il-pagamenti ma sarux mill-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Christian Sammut daħal għal laqgħa, fil-5.55p.m.

Il-Kunsillier Cedric Valletta, staqsa dwar l-aħħar sentenza ta' punt 'd'. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li l-għaqdiet ġew infurmati bl-organizzar ta' din l-attivita'.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku talab li jiġu approvati l-Minuti ta' Seduta 339, kif korretti, liema minuti kienu ċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

Il-Kunsill approva l-Minuti ta' Seduta 339.

## 6. MOZZJONIJIET

### *(a) Mozzjoni Nru 02/2014*

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni;

'*Wara li ġie nnutat li r-rati użati mill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi kkalkulat xogħol infrastrutturali mill-Kumpanija J&K Contractors, kienu rati bbażati fuq il-kuntratt preċedenti u mhux dawk preżenti, jidher li hemm diskrepanza ta' €2,953.13 favur il-Kumpanija J&K Contractors. (kopja tad-dokumenti relatati annessi)*

*Għaldaqstant nitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitħallas l-ammont ta' €2,953.13 dovut lil J&K Contractors.'*

Il-Kunsillier Carmen Borg issekondat il-mozzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament Mozzjoni Nru 2.

### *(b) Mozzjoni Nru 03/2014*

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni;

*Wara li l-Kunsill Lokali, fil-ġimgħat li għaddew, waqqaf il-Ħamrun Business Forum u ġew ikkonsultati s-sidien preżenti u wara li tqajjmu bosta punti dwar id-diffikultajiet li qed jaffaċjaw, bil-preżenza tal-gwardjani ma taqta' xejn fi Triq il-Kbira San Ġużepp, li ta' kuljum jagħtu multi lil xufiera li jonqsu milli jagħmlu l-arloġġ tal-parkeġġ u wara li ġiet evalwata kull alternattiva, sabiex tittaffa' l-problema ta' nuqqas ta' kummerċ fil-lokalita'.*

*Nipproponi li l-Kunsill japprova li l-iskema tal-One Hour (1hr) Parking fi Triq il-Kbira San Ġużepp, jiġi sospiża bi prova għal sena.*

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament Mozzjoni Nru 03/2014

### *(c) Mozzjoni Nru 04/2014*

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni;

*'Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ispejjeż ta' € 5,623.65 dovuti lil J&K Contractors Ltd. Dawn l-ispejjeż huwa relatati ma' xogħlijiet li saru skont il-Kuntratt 'Pavement, Construction & Ancillary Works, fis-sena 2013.'*

Il-Kunsillier Mario Caruana ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament Mozzjoni Nru 04/2014

## *7. Jum il-Ħamrun 2014*

Il-Kunsillier Mario Caruana ġibed l-attenzjoni li ż-żjara għall-anzjani li kien hemm programmata għas-26 ta' Mejju, ma saritx minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni kemm mill-kunsilliera kif ukoll mill-għaqdiet.

Is-Sindku nfurma lill-membri li għall-ewwel darba ġiet organizzata Wirja tal-Klieb, li kienet suċċess.

Il-Kunsillier Mario Caruana staqsa min kienu l-ghadiet preżenti għall-attivita' ta' Jum il-Ħamrun. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-Kunsill li dejjem intużat l-istess lista tal-mistednin

Il-kunsillier Carmen Borg irringrazzjat lill-Kunsillier Judith Bugeja tal-mod professjonali li bih animat il-Quddiesa ta' Ringrazzjament.

## *8. MCP Car Park – Żieda fir-rati tal-parkeġġ ta' 50c aktar*

Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kumpanija MCP Car Park fejn qed jitolbu lill-Kunsill li r-rata tal-parkeġġ tiżdied minn € 1.00 għal € 1.50c. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li r-rata tal-kirja annwali se tibqa' l-istess.

Il-Kunsillier Mario Caruana qal li 50c mhix xi rata ta' barra minn hawn. Il-Kunsill jista' jissuġġerixxi li fil-peak hours tkun b'rata ta' € 1.50c u filgħaxijiet tkun bir-rata ta' € 1.00.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri saħaq li ġaladarba ġew installati l-cameras u l-parking se jkun *unmanned*, l-ispejjeż għall-kumpanija se jonqsu. Meta tikkumpara dawn l-ispejjeż, tinduna li l-Kumpanija se tagħmel profit għaliex paga ta' ħaddiem tiġi tiswa aktar minn Cameras.

Il-Kunsillier Cedric Valletta saħaq li l-Kunsill għandu jara x'ġie ffirmat fil-Kuntratt, qabel nikkonfermaw jew noġġezzjonaw.

Il-Kunsill Antonello Cuschieri spjega li qed ikun hawn ħafna tgergir minħabba li l-lifts mhux qed ikunu aċċessibli.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ġibed l-attenzjoni li skont il-KNPD il-lifts pubbliċi għandhom jibqgħu aċċessibli 24/7.

Ġie maqbul li l-Kunsill jerġa' jistieden rappreżentanti ta' MCP sabiex jiddiskutu din il-kwistjoni, fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ppropona li għandha tiġi mistiedna l-avukata tal-Kunsill sabiex tispjega in simple terms u l-informazzjoni miġbura tingħadda lill-Kunsilliera b'email.

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li jingħataw dettalji grafiċi, xahar b'xahar tal-Użu tal-Car Park.

### *9. ĦAMRUN BUSINESS FORUM*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat x'intqal fl-ewwel laqgħa tal-Ħamrun Business Forum.

Il-Kunsillier Cedric Valletta wera s-sodisfazzjon tiegħu li, wara ħames snin, qed isir xi ħaġa b'risq il-komunita' kummerċjali.

Il-Kunsillier Cedric Valletta semma li fit-30 ta' Settembru 2010 tressqet mozzjoni minnu sabiex jiġu sospiżi l-gwardjani lokali u l-Kunsill kien ivvota b'4 voti favor u b'5 kontra. Il-Kunsillier Valletta infurma lill-membri li hu jaqbel mal-ħsieb iżda ma jistax jifhem għaliex issa ġiet aċċetta din il-proposta u dakinhar le. Il-Kunsillier Valletta staqsa għaliex?

Is-Sindku wieġeb li wara 4 snin il-Kunsill qed jisma' l-karba tal-komunita' kummerċjali u għall-ebda raġuni oħra.

Il-Kunsillier Valletta staqsa għaliex fit-12 ta' Mejju 2011, kienet tressqet mozzjoni sabiex fi Triq il-Kbira San Ġużepp u fi Triq il-Kappillan Mifsud jiġu nstallati CCTV Cameras u l-Kunsill ivvota kontra.

Il-Kunsillier Cedric Valletta semma' l-inkonvenjent li qed jinħoloq minn *hawkers* li qed jarmaw quddiem il-ħwienet, kif ukoll il-każ ta' *hawker* anzjan li ta' kuljum jamra u jdejjaq lis-sidien tal-ħwienet.

Is-Sindku semma' li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva l-*Policy* mressqa mill-Kunsill dwar l-emendi għall-ħruġ ta' permessi matul il-festa San Ġejtanu.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li għandu ssir *enforcement* dwar dawn il-permessi.

## 10. FESTIVAL TAĊ-ĊIKKULATA

Is-Sindku nfurma lill-membri li tkellem mas-Sur Andrew Farrugia dwar il-festival taċ-Ċikkulata fejn spjega li għalissa ma jistax jikkommetti ruħu għax qed jistenna risposta minn Dubai.

Il-Kunsill Cedric Valletta fakkar lill-membri li s-sena li għaddiet il-Kunsill kien ippospona l-festival minħabba l-fatt li s-Sur Farrugia kellu jitla' Dubai iżda baqa' ma telax.

Is-Sindku spjega li din is-sena għandhom jinbidlu xi affarijiet, fosthom l-ko-ordinatur, minħabba n-nuqqas ta' etika li mexa' bih matul il-festival tas-sena li għaddiet.

Il-Kunsillier Judith Bugeja staqsiet jekk il-Kunsill iltaqax mas-Sur Camilleri. Is-Sindku spjega li l-unika darba li ltaqa' mas-Sur Camilleri kien meta l-ġurija tal-Karnival Nazzjonali użaw il-bini tal-Kunsill sabiex jinħarġu r-riżultati tal-Karnival.

Il-Kunsillier Carmen Borg saħqet li tixtieq li l-Kunsill jieħu bis-serjeta' l-organizzar ta' dan il-festival. Huwa inaċċettabbli li s-Sur Camilleri jieħu deċiżjonijiet għal attivita' tal-Kunsill.

## *11. KORRISPONDENZA*

### *11.1 Saviour Ellul – Car Park*

Il-Kunsill qabel li jiltaqa' ma' rappreżentanti ta' MCP sabiex jiddiskutu t-talba li qed issir.

### *11.2 Cedric Salafia – Talba Finanzjarja*

Il-Kunsill qabel li jħallas lil Ħamrun Scouts Group għas-servizz li ngħata lill-Kunsill waqt l-attivita' tal-Karnival.

### *11.3 Mro Manoel Pirotta – Talba ghal permess specjali.*

Il-Kunsill approva li jinħareġ il-permess speċjali lil Mro Pirotta.

### *11.4 Dun Henry Balzan – Talba għal 8 tappieri tal-festa*

Il-Kunsill qabel li jagħti it-tappieri. Dan minħabba li x-xogħol se jsir quddiem il-Knisja Parrokkjali u fi Triq Prinċipali u b'hekk ix-xogħol isir bl-aħjar mod possibli.

Il-Kunsillier Mario Caruana saħaq li għandha tintbagħat korrispondenza lill-għaqdiet fejn għandhom jiġu nfurmati li dawn it-tappieri għandhom jiġu mghottija b'mod immedjat wara l-użu.

***11.5 Lorna Vella – UIF Statement of Funds***

Il-Kunsill ġie nfurmat li bħalissa li l-Kunsill Lokali Ħamrun għandu għad-dispożizzjoni tiegħu madwar €40,000, liema fondi jistgħu jintużaw għal proġett fil-lokalita'.

***11.6 Mr Carmel Abela – MEMO 4/2014***

Memo li ġiet iċċirkolata u ttieħed bħala moqrija. Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa kif jintghażlu l-kotba, taħt din l-iskema. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li dawn jintagħżlu mil-Librara u fil-fatt bħalissa qed isir eżerċizzju sabiex jiġu ntrodotti kotba mmirati għal tfal/adulti li jbatu bid-*dylexia*. Il-Kunsillier Judith Bugeja staqsiet jekk jintrawx e-books. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li bħalissa l-librerija mhux fornuta *b'computers* għaldaqstant mhux vijabbli li jinxtraw e-*books*.

***11.7 Mr Joe Zrinzo – Ringrazzjament Jum il-Ħamrun***

Is-Sur Zrinzo, f'isem il-familja Zrinzo għadda ittra ta' Ringrazzjament lill-Kunsill, talli l-Kunsill għoġbu jippremja lil ħuh, Dr Anthony Zrinzo bl-Unur Ġieħ il-Ħamrun 2014.

***11.8 Mr Anthony Cachia – Dipartiment tal-Kuntratti***

Il-Kunsill ġie ppreżentat Cirkulari 08/14 dwar 2 kumpaniji li ġew *blacklisted* mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

***11.9 Dr. Marc Sant, Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Laqgħa għall-Kunsilliera***

Din il-korrispondenza ġiet mgħoddija lill-membri bl-*email* u ttieħdet bħala moqrija. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba attivita' oħra tal-Kunsill.

***11.10 Nadia Tagliaferro – Greenpak Ltd***

Il-Kunsill ġie nfurmat li skont il-1$^{st}$ Quarter Report imħejji minn Greenpak, jidher li l-lokalita tal-Ħamrun tinsab fit-3 post mill-aħħar fir-Riċiklaġġ tal-iskart.

***11.11 Dr Marc Sant, Assoċjazzjoni għall-Kunsill Lokali***

Il-Kunsill ġie ppreżentat Cirkulari 42/14, liema cirkulari ġiet mgħoddija lill-membri bl-email u ttieħdet bħala moqrija.

***11.12 Mr. Michael Bartolo – Talba għal yellow lines quddiem garaxx li għandu fi Triq Barth.***

Il-Kunsill qabel li t-talba titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

## 12. ĦWEJJEĠ TA' NATURA URĠENTI

12.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li kien tkellem mas-Supretendent tal-Għassa dwar l-installar ta' *bollards* fil-lokalita' sabiex jingħalqu t-toroq waqt l-attivitajiet mingħajr diffikultajiet żejda. Is-Sindku talab lis-Supretendent iressaq talba lill-Kummissarju sabiex ix-xogħol isir mill-Garaxx tal-Pulizija.

12.2 Il-Kunsillier Judith Bugeja nfurmat lill-Kunsill li fi Triq il-Fatati hemm garaxx u qed titlob li jsiru yellow lines minflok il-parking bays eżistenti. Is-Sindku nfurma lill-Kunsillier Bugeja li t-talba għandha ssir mis-sid, biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jressaq din it-talba lil Transport Malta.

12.3 Il-Kunsillier Judith Bugeja talbet li l-Kunsill jieħu azzjoni dwar l-istat ħażin li jinsabu fih Triq Mimosa u Triq Joe Sciberras.

12.4 Il-Viċi Sindku Christian Sammut fakkar li l-bozza tal-belisha light fi Triq Ħal Qormi titneħħa minn fejn tinsab u tiġi nstallata fil-post il-ġdid taz-*zebra crossing*. Is-Sindku nfurma lis-Sur Sammut li diġa saret talba lill-Korporazzjoni Enemalta dwar dan.

12.5 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li l-Kunsill jara l-eventwalita' li titneħħa *road hump* fi Pjazza Kappillan Mifsud.

12.6 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ressaq talba ta' resident li qed jitlob li t-tabelli ta' Triq San Gejtanu k/m Triq Farsons jitneħħew u jsiru fuq arblu minħabba l-fatt li r-resident se jdur il-faċċata.

12.7 Il-Kunsillier Cedric Valletta fakkar lill-Kunsill dwar il-flus, li l-Kunsill fadallu jiġbor, in konnessjoni mat-tieni parti tal-Premju għall-Intrapriża u nfurma lill-membri li qed isir xogħol flimkien mal-kumpanija *Websuccess* sabiex issir il-website tal-businesses u qed naraw li dan il-proġett jiġi aċċettat sabiex ma jintilufx il-flus.

12.8 Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni dwar it-torri li jinsab fi Triq San Gejtanu, fejn qed jiġi suġġeriet li tinħareġ Legal Letter sabiex nidentifikaw il-propjetarju tal-art, liema ittra tkun tgħid li jekk ħadd ma jersaq 'l quddiem, għandu jiġi devolut lill-Kunsill.

12.9 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-organizzar tal-*Lifelong Learning Courses*, fejn bħas-sena li għaddiet se jkunu qed isiru fl-iskola Maria Regina, minkejja l-fatt li r-residenti kienu urew ix-xewqa li ma jibqgħux isiru hemm.

12.10 Il-Kunsillier Carmen Borg tat id-dettalji dwar l-attivita' li kellha tinżamm flimkien mar-Reġjun Nofsinhar, bit-tema favur il-qari, nhar is Sibt 14 ta' Ġunju 2014, fil-Librerija Pubblika tal-Ħamrun.

12.11 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li wara s-suċċess tas-sajf li għadda, l-Kunsill se jkun qed jerġa' jorganizza *Revision Courses* għat-tfal bejn l-4 u l-10 snin, fis-sala tal-Kunsill Lokali minn għalliema professjonali. Il-Viċi Sindku Christian Sammut talab li din l-informazzjoni tintbagħat bl-email lill-membri.

12.12 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li kienet se torganizza Weekend Break għar-residenti Ħamruniżi matul il-weekend tal-20-22 ta' Ġunju 2014.

12.13 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li nhar is-6 ta' Lulju 2014, se tiġi organizzata Ħarġa fl-okkazjoni ta' Jum il-Missier fil-Canifor Hotel. Is-Sinjura Borg skużat ruħha li din l-attivita' kellha tiġi posposta, iżda minħabba l-bosta mpenji tal-Kunsill, ma setgħetx issir qabel.

Is-Sindku qabel mal-Viċi Sindku u talab li jintbagħat programm b'dawn l-attivitajiet, permezz tal-email.

## 13. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 14. Aġġornament.

Il-laqgħa ġiet aġġornata.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

Minuti Nru 340 gew approvati waqt Seduta **Nru 341** li nzammet nhar il-Ħamis, **11 ta' Lulju 2014**.

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

DATA